Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 72
# It-Tlieta 27 ta'Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-06:15 p.m.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier < Dahal 6:30pm >
Romina Galea – Kunsillier <Harget fit-08:00pm>
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier <Hareg fit 08:20pm>
Lino Bartolo - Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**72.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;**

72.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

72.1.02 Il-kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji

**72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

72.2.01 Il-minuti ta’ Seduta L7-66 sa L7_71 ttieħdu bħala moqrija u saru xi korrezzjonijiet fil-minuti 66.3.03, 66.3.04, 66.4.07, 66.4.24, 66.4.26, 70.1.01, 71.1.01

Il-minuti ġew approvati unanimament.

**72.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

72.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba minghand is-sur Gino Farrugia biex il-Kunsill jaghti in-no objection tieghu lill-pulizija ghal xi attivitajiet ta' Evangelizzazjoni minn Neokatekomunali.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u ma jsibux oggezzjoni sakemm ikunu hargu il-permessi neccessarji mill-Pulizija.

**72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

72.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-talba ghad-danni ta' 120 ewro ghall-hsara f'tyre fi Triq Nazju Falzon. Is-Sur Antonio Camilleri gie mgharraf bid-decizjoni tal-Kunsill u qieghed jappella ghall-kumpens ta' 50% moghti.

72.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-poster ghall-attivita’ tal-kunsill ghall-karnival li ma kienx hemmx bzonn ta' permess biex tintuza il-logo u dan sar kif ppjanat. L-attivita' saret kif pprogrammat minkejja it-temp. Ma tantx kien success u l-attendenza mir-residenti kienet fjakka.

72.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba minghand YMCA ghall-reserved parking area quddiem 44, Triq it-torri Msida, biex tintuza minnhom matul il-gurnata. Dawn gew mgharrfa bid-decizjoni tal-kunsill li ma gietx approvata.

72.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba minghand Jackpot Joy Group ghall-recycle skips go Triq C. de Brocktorff. dawn gew mgharrfa bid-decizjoni tal-kunsill li ma gietx approvata.

72.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-hrug minn Triq Santa Venera ghal Triq il-Wied u jekk tistax ssir tabella Proceed with caution when raining. Din tista' issir Custom made, biss trid tkun cara li din tindika li l-hrug xorta jrid isir ghal go Triq il-Wied.

72.4.06 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar meta se jitnehhew il-basi tal-Belisha lights li kienu fuq il-pedestrian crossing go Rue D'Argens qabel ma dawn tmexxew aktar 'il fuq, ghax jista' jwegga xi hadd.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dawn suppost tnehhew mill- kuntrattur ta' Transport Malta, izda jekk dawn m'hemmx kurrent tal-elettriku ghaddej minhom se jibghat il-haddiema tal-kunsill biex jitnehha ghax jaqbel li jista' iwegga xi hadd.

72.4.07 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar Dwar il-loading u unloading li qed tiġi abbużata fi Triq < Mons D'Andrija >

Mibdula < Mons D'Andrija >

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li wara li Transport Malta approvat li din ghandha timxi 'l isfel u gew ordnati t-tabell bil-hinijiet godda li ga waslu, se jara meta tista' timxi aktar ‘l isfel u ticckien fejn maghha ghandu jsir ix-xoghol l-iehor fuq il-kumplament tal-ispazju biex jizdied il-parkeġġ.

72.4.08 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk tlabniex lill-kappillan jekk ghandux xi spazju fl-mahzen tal-festa biex juzah il-Kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li suppost kellu jattendi il-kappillan il-gdid biex jiltaqa mal-kunsilliera u kien bi hsiebu iqajjem is-suggett, izda il-kapillan avza li nqala xi haga urgenti u ma setax jattendi.

72.4.09 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-hofra fit-triq mad-dawra tal-monument tal GWU.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li Perit D. Vassallo gharrafha li din ser issir dalwaqt, izda ma tafx meta u jidher li se jaghmlu id-dawra kollha.

72.4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-kulvert ta' Triq Xatt l-Imsida hdejn il-Bus Stop u li waslet email mill-perit ta' Transport Malta li gie mqabbad kuntrattur biex jaghmel ix-xoghol.

72.4.11 Dwar Sparatura fuq il-hamiem saru l-arrangamenti ghall-pulizija u l-permessi mehtiega biex din saret fl-24 ta' Marzu bejn il-5 u 7 ta' filghodu.
Is-Sur Maurice Agius qal li hu kien hemm prezenti mas-Segretarju Ezekuttiv u ppropona biex din ssir almenu darba kull hmistax u jekk possibbli nixtru magazine tac-comb ghat tiraturi.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn ma jiehdux hlas izda minn zmien ghall-iehor jixtru xi comb u jaghmel tajjeb il-kunsill, biss se jitkellem mat- tiraturi u jara dawn x'ghandhom bzonn.

72.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-Tender tal-Bandli tas-Swatar u li x-xogħol huwa lest.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar CCTV coverage tal-bandli.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-apparat li hemm huwa bil-hsara u dan ttiehed ghand technician biex naraw x'hemm bzonn isir biex jissewwa.

72.4.13 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-LESA tatx risposta dwar speed camera fi Triq il-Kuncizzjoni.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li sal-mument ma gietx risposta li din ser ssir.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li din mhux se jikkunsidrawa favur u ppropona li tinghata prova ohra ghal pjan ta' Traffic management temporanjament sospiz ghal Triq San Alwigi.

Il-Kunsilliera prezenti ghamlu diskussjoni u suggerimenti ohra u qablu li din ghal mument ghandha tithalla sakemm jizvolgu l-affarijiet fil-kwistjoni ta' parkeggi go Triq Rue D'Argens.

72.4.14 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saritx l-applikazzjoni ghal aktar dawl u jekk tnehhewx il-katusi mitluqa fi Triq tas-Sisla.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb dwar dawl gdid. L-applikazzjoni saret u dwar il-katusi ma ha l-ebda risposta minn WSC biex tnehhijhom.

72.4.15 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk il-LESA baghtux xi wardens go Triq E.H. Furse biex jivverifikaw u jikkontrollaw abbuzi minn sewwieqa li jitilghu wrong way.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li rapport u talba saru lill-LESA biex tmur ticcekkja u tiehu azzjoni izda dawn mhux se jkun jaf meta dawn marru u x'sabu.

72.4.16 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar ir-riklami mal-bollards u li dan mhux sewwa li dawn ihallsu meta ikun hemm ir-riklami biss.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn qed ihallsu skond il-ftehim u biex dan jinbidel irid jiskadi il-ftehim prezenti.

72.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba biex tinbidel tabella No Entry u titnaddaf il-mera fi Triq it-Tabib Robert Naudi k/m Rue D'Argens. Din saret.

72.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar marki tat-triq fil-kantunieri go Misrah il- Barrieri. Dawn se narawhom.

72.4.19 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk jistghux isiru z-zebra crossing ta' Triq Rue D'Argens.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ser jara kif jistghu jsiru minhabba l-problema ta' traffiku li jghaddi u ma jeskludix li isiru bil-lejl.

72.4.20 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-pjanijiet tal-Iskola.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li s'issa m'hu maghruf xejn kif se ssir. Izda li ga waslet il-proposti tal-parkegg u l-problema ta' fejn se jigu allokati is-Sea scouts sakemm isir ix-xoghol.

72.4.21 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar bozza fi Triq Rue D'Argens ma' Triq il-Kuncizzjoni, ghax ilha maqtugha.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ga baghat lill-kuntrattur, izda jidher li din tal-Enemalta u ga giet rrappurtata.

72.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Cirkulari AKL 2018/14-WIFIEU. Ktibna u wrejna interess biex naghmlu progett biex jitwassal il-WIFI f'postijiet bhall-Gnien il-Kunsill Lokali, Gnien Victor Denaro u Misrah San Guzepp. Ghandna nigu nfurmati meta se ssir il-laqgha.

72.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it- talba minghand is-Sur Matthew Pace ghall-istabbiliment Uncle Matts Kitchen ghall-permess biex jorganizza bosta attivitajiet matul ix-xhur li gejjin. Dan gie mgharraf bl-approvazzjoni tal-Kunsill b'riserva wahda ghal xi granet ta' attivita' li jistghu jahbtu ma' attivitajiet ohra tal-festa tal-Imsida u gie mitlub biex dawn jigu diskussi qabel ma japplika ghall- permessi. Biss jidher li kien hemm xi problemi mal-Lands u fil-mument dan l-istabbiliment ma jistax jarma imwejjed fuq il-platform u qed jistenna l-izvillupi fil-kwistjoni.

Is-Sur Maurice Agius qal li kien hemm l-istess problema ma' Da Giuzeppe. Izda jidher li dan se jirranga ghax kien hemm xi zball mill-Perit.

Is-Sur Lino Bartolo qal li l-Kunsill missu jigbed l-attenzjoni tal-Lands minhabba il-kulur li zebghah il-faccata.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dik taqa' taht il PA.

72.4.24 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba ghal Clothes Skip, biss ghadu ma giex ssuggerit sit alternattiv fejn tista' ssir flok f'Xatt ta' Xbiex.

Is-Sur Maurice Agius ssugerixxa li ssir fid-dahla fejn l-iskall.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-Bring in Site ta' Triq l-Irmigg biex din tidhol 'il gewwa tal-Bankina ghax fejn kien propost qabel quddiem id-dar tax-xjuh, il-bankijiet jintuzaw mill-anzjani.
Is-Sindku wiegbet li jkun ahjar kieku dawn jimxu ghal Triq il Karozzin flok trakk kbir li ilu jokupa l-ispazju, meta mhux suppost qieghed hemm.

72.4.25 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai staqsiet lill-kunsilliera prezenti min gej minnhom ghal Clean up li se ssir fit-22 ta'April.
Bdiet diskussjoni dwar xi zoni fejn din tista' ssir u s-Sur Alan Abela Wadge staqsa jekk tistax ssir go Triq Mons Innocenz Zammit waqt li s-Sur Maurice Agius ppropona Triq Giorgio Mitrovich.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hareg sejha ghall-voluntiera u jiddependi xi jkun hemm, biss l-organizzaturi ga ghandhom xi voluntiera ohra li se jaghmlu Triq il-Wied u d-dawra tax-xatt u jiddependi kemm se jkunu.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai ssuggeriet li tinkludi d-dahla mal- blokka ta' Triq Principessa Margarita u jekk se ssir Triq il-Wied, ghandu jitnaddaf fejn il-Gibjun.

72.4.26 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hadniex xi hjiel mill-pulizija dwar il- gatherings go Triq Gemma Portelli.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li sal-gurnata ma gietx risposta u gharraf lill-kunsilliera prezenti li talab ghal xi granet biex ssir il-laqgha mal-Assistent Kummissarju bhal ma' sar f'Ottubru.

72.4.27 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar avviz mid-dipartiment tal-artijiet LAPC 6/17, hija talba minn diversi individwi biex tigi stabbilita l-parametri tal-ippjanar go sit imdaqqsa go Swatar li giet inkluza fiz-zona ta'zvilupp fl-2006 u biex jigi ndikat liema hija art tal-Gvern.
Is-Sur Emanuel Brincat ta spjega li din kienet biex tigi stabbilita liema hija l-art tal-Gvern u li z-zona ilha numru ta' snin ppjanata ghall-izvilupp.

72.4.28 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar bicca minn bankina go Triq it-torri fejn Big Ben flats biex tittranga. Din saret.

72.4.29 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk ingabrux l-istimi biex tinghalaq id-dawra tal-Bandli tas-Swatar minhabba il-hmieg tal-klieb.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li sal-mument ghadu ma gabarx stimi ghax qed jistenna xi qisien.

72.4.30 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar sejha KLMsd TDR 1-2018 for the profesional services of an Architect for the L-Imsida Local Council. Se titla' fis-sistema fl-4 ta'April.

72.4.31 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar sejha KLMsd TDR 2-2018 for the installation of a perimiter fence and gate at the L-Imsida playing field. Se titla' fis sistema fl-3 ta'April

72.4.32 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hemmx xi stimi ohra dwar il-progett biex ir-reception area tigi maghluqa ghas-sigurta' tal-impjegati.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li qed ifittex Designers ohra u se jara fejn jaslu b'kollox inkluz jekk jara li l-ispiza tigi aktar minn 5000 euro ikollu jaghmel sejha ghal stima fuq l-Epps.
Is-Sur Lino Bartolo qal li ma jistax jaqbel mar-regoli tal-Epps u li l-kunsilliera ma jistghux jiddeciedu huma.
Is-Segretarju wiegeb li l-Kunsill jiddeciedi jekk jaqbilx mar-rakommandazzjoni ta' kumitat tal-evalwazzjoni u jekk il-kunsill jiddeciedi li ghandu ragunijiet validi, li ma jaqbilx mar-rakommandazzjoni, dan jista jerga' jitlob evalwazzjoni ohra.

72.4.33 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Fire and safety Consultation and training. Sar it- tahrig baziku lill- impjegati filwaqt li beda l-process ta' spezzjoni biex jigi iddentifikat dak il-minimu neccessarju biex ikun hemm konformita' ma' siti pubblici ghall-aktar sigurta'.

72.4.34 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l- erba progetti mill-fondi UIF tal-bankini godda go l-ewwel parti minn Triq it-Tabib Robert Naudi, parti minn Triq il-Bacir, Parti minn Triq G. Mitrovich. Baghtna l-RWP1 u qed nistennew it-28 gurnata jghaddu filwaqt li l-progett ta' traffic management hdejn il-Junior College ser jibda fil-granet li gejjin.

72.4.35 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar assenza ta' kunsilliera mill-laqghat tal-Kunsill u li ser jintbaghtu d-dukumenti lid-dipartiment mal-approvazzjoni tal-minuti.

72.4.36 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-tender MLC 002/2014 Collection of Bulky refuse in an environmentally friendly manner. Il-partijiet kkoncernati gew mgharfa bid-decizjoni tal-Kunsill u wara li skadew l-10 tijiem fejn seta' isir appell ghad-decizjoni l-kuntratt jinghata lis-Sur Alfred Galea.

72.4.37 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk gietx risposta minghand Trasport Malta dwar il-parkegg ta' Rue D'Argens u qal li din m'ghandiex tithalla torqod u ppropona biex issir laqgha halli l-kunsill jara l-ahjar mod kif ghandu jimxi.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li hemm bzonn jigi osservat l-andament tat-traffiku u ssuggeriet biex ssir laqgha fi zmien gimgha halli jigi diskuss x'hemm bzonn isir halli inwasslu u niddiskutu l-proposti ma' Trasport Malta. Biss ma tistax ma tikkumentax dwar in-nuqqas tal- attendenza mir-residenti, minkejja li kienu jafu li din se ssi,r ghax ma kienx hemm iktar minn hamsa u wiehed minnhom, ghax ghandu negozju tal- karozzi tal-kiri fit-triq. Anke jekk hemm min ha citazzjoni, kull ma giet residenta wahda biex taghmel ilment.

Is-Sur Lino Bartolo qal li mhux sew li minkejja li l-kunsill qed jaghmel dak kollu li jista' biex joggezzjona ghall-impozizzjoni ta' Trasport Malta, ir-residenti ma jurux interess.

Is-Sur Emanuel Brincat ssugerixxa biex il-Kunsill jiehu parir legali halli ikun jaf fejn qieghed. Hawn spjega li l-parkegg sar izda dan rega' tnehha ghar- ragunijiet imsemmija u jekk il-kunsill se jiehu xi azzjoni tajjeb ikun jaf min fejn irid jghaddi.

Is-Sur Matthew Agius qal li trid toqghod attent dwar il-kliem miktub go l-ittra li kienet intbaghtet lir-residenti ghax m'hemmx kliem car li juri li dan kien ser isir. Filwaqt li jekk hemm xi citazzjonijiet din ghanda ssir ittra lill- LESA biex ikun infurmat li l-Kunsill mhux qed jaqbel mar-restrizzjoni fuq il-parkegg.

Is-Sur Maurice Agius qal li hafna mir-residenti ma pparkjawx fit-triq u ma hadux citazzjoni hlief residenta wahda, izda ma jistawx ir-residenti jibqghu ibatu inkonvenjent bhal dan ghax min se joqghod iqum inehhi l-karozza u jipprova isib parkegg iehor qabel is-6 ta' filghodu biex ma jaqlax citazzjoni. Ikun jaqbel ma jipparkja xejn fit-triq u isib x'imkien iehor mal-ewell.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u gharraf lill-Kunsilliera prezenti li se jipprova jsejjah laqgha mal-avukat fl-iqsar zmien halli din tkun tista' taghti parir legali.

72.4.38 Is-Sur Lino Bartolo qal li kellmitu persuna fuq is-sigar li thawlu ghax qed tghid li din saret go raba' li jahdem hu. Filwaqt li hemm bzonn niltaqghu mal-Ministru Herrera biex naraw kif se ssir il-progett ta' afforestazjoni minhabba li fil-kaz tas-sigar li thawlu la jigi is-sajf min se jiehu hsieb li dawn jissaqqew.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li jekk dan jahdem ir-raba' ma jfissirx li din tieghu, forsi dan qabad u hadha hu
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li jekk dan ghandu llment fuq il-propjeta' seta' kellem avukat jew jekk ghandu permess ghall-uzu tal-art, jista iwassal l-llment il-lands.

72.4.39 Is-Sur Alan Abela Wadge qal li huwa nfurmat li is-central strip ta' Ta' Xmiexi giet rrangata u staqsa jekk jistax ssir xi pjanti flok il-palm li miet.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li kien ikun hemm hafna lmenti fuq il-palm u gie ssuggerit li flok hamrija jsir konkos.
Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera prezenti u gie deciz li tibqa hamrija.

72.4.40 Is-Sur Lino Bartolo qal li mar jara xi sigar tal-Ewrikarja u ghalkemm ma jaqbilx li ta' go Triq Garcin jinqatghu xi frieghi xorta se jiehu hsieb jghid lill-gardinar imiss ftit minnhom filwaqt ta' Triq Makna tas-Serrar qal li din hija go tal-privat u jidher li messitha Lupa, biss m'hux cert u sid il-gnejna ghadu jiehu hsieb jiehu parir ma' tal-ghammieri u jimxi minn hemm jekk ikun hemm bzonn titnehha ghax responsabbilta' tas-sid.

**72.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

72.5.01 Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta fuq il-mejda talba biex il-kunsill juza servizzi ta' Infurzar fuq l-abbuzi ta' hruq u rimi ta' skart wara l-hinijiet permessi jew f zoni li ma jistax jintefa skart.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li wara diversi talbiet mill-kunsill halli jizdiedu r-rondi ghall-infurzar, saru proposti mill- Cleansing Department biex dan ikun jista jizdied b'mod aktar regolari ghall-ammont ta' sighat fil-gimgha u spjegat li dan jinvolvi hlas ghas servizz ta' zewg ufficjali li jistghu iharku jekk jaqbdu lill xi hadd jabbuza.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw unanimament.

72.5.02 Is-Sur Charles Selvaggi propona li minhabba li sar il-hin biex il laqgha tigi aggornata u l-agenda tigi sospiza ghal seduta ohra.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai kkonsultat mas-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella u pproponiet li kunsill jissospendi l-Agenda hlief l-iSkeda tal- pagamenti.

Is-Sur Charles Selvaggi sekonda u l-kunsilliera prezenti approvaw.

Items oħra ta' Xogħol Aggornata ghal 5 ta' April
Performance Bonus Segretarju Ezekuttiv Kumitat Amministrattiv Swatar
Pjan ta' hidma u permessi festa San Guzepp
Procedura ghal talbiet generali ta' manutenzjoni komuni.
Talbiet ghal xoghol / applikazzjonijiet

**72.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

72.6.01 Rapport u rakommandazzjoni ghat-tender : K.L.Msd TDR 02 2017 Mixed waste collection Aggornata ghal 5 ta' April

**72.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

72.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-72 <dc 72 /7/01> ta' ħlasijiet bejn id-9 ta' Frar u 27 ta' Marzu għall-approvazzjoni tal-membri.

L-iskeda giet proposta mis-Sur Lino Bartolo u ssekondata mis-Sur Charles Selvaggi.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**72.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

72.8.01 l-Agenda giet sospiza fit-8:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata ghal-laqgħa li se ssir il-Hamis 5 ta' April 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 8 ta' Mejju 2018

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |